Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- DISA' LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 14 ta' Awwissu 2012

**Ħin:** Mid-9.00am sal-11.30am

**Prezenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg (Skużat)
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill email li ġġib d-data tat-12 ta' Awissu 2012 mingħand il-Kunsillier fejn informa lill-Kunsill illi kien ser ikun imsiefer u ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuż)

**1. Approvazzjoni tal-Minuti Tmien laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tmien laqgħa ta' nhar il-Erbgħa, 25 ta' Lulju 2012 Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku is-Sur Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kiteb ittra lill-Perit Bezzina fuq il-ħruġ ta' Tender biex jibda l-proċess. Il- Perit Bezzina minn naħa tiegħu kien qed jissuġerixxi li jkun hemm ħruġ ta' żewġ tenders, waħda għall-asfaltar u pavimentar ta' Triq Guże Bonnici u Triq l-Għerusija u tender oħra f'dak li jirrigwarda il-proġett ta' tisbieħ f'Wied Ħal Balzan (il-parti t'isfel fejn id-Dolphin Centre) taħt il-fondi tal-UIF. Il-Kunsill qabel li joħorġu dawn iż-żewġ tenders.

## 3 Bring in Site li jinsab f'Wied Ħal Balzan

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bring In Site li tinsab ġewwa l-Wied ta' Ħal Balzan mhux qed tintuża għal skopijet ta' separar tal-iskart u li fl-aħħar xhur is-sitwazzjoni marret għall-agħar fejn ta' kuljum qed jintefa' kull tip ta' imbarazz b'konsegwenza li qed iħalli impatt negattiv fuq ir-residenti li joqgħodu f'dawk l-inħawi u qed ikun ta' periklu għas-saħħa tagħhom. Intwerew xi ritratti bħala xhieda ta' dan.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' l-Authorized Officer tad-Distrett tal-Gwardjani Lokali fejn ingħata informazzjoni li fil-Bring In Site li tinsab f'Wesgħa Profs Aquilina inqabdu xi nies jarmu u ġew imħarrka pero' mhux l-istess jista' jingħad fuq Wied Ħal Balzan.

Din is-sitwazzjoni ilha għaddejja għal żmien twil fejn il-kumpanija GreenPak kellhom jindirizzaw din il-problema kif ukoll il-gwardjani lokali u fl-opinjoni tiegħu dawn għandhom jitneħħew għaliex is-sitwazzjoni marret għall-agħar u mhux għall-aħjar. Il-Viċi Sindku qal li huwa ta' l-istess opinjoni.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li din il-problema teżisti kullimkien u mhux hemm biss għaliex in-nies kull fejn jiġihom iċ-cans jarmu l-imbarazz. Fl-opinjoni tiegħu l-gwardjani mhux qed jagħmlu x-xogħol tagħhom sew. Jekk ser jitneħħew fl-opinjoni tiegħu ser jippenalizzaw lir-residenti milli jkollhom fejn jisseparaw l-iskart. Kien hemm suġġeriment li jiġu relokati x'imkien ieħor.

Għalhekk ġie deċiż li qabel ma tittieħed deċizjoni għandha ssir laqgħa mal-kumpanija GreenPak biex tiġi indirizzata din il-problema u tinstab l-aħjar soluzzjoni possibbli. Deċiżjoni fuq din tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

## 4 Ir-Rwol tas-Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħat tas-Sotto Kumitati

Is-Sindku qal li fil-laqgħat tas-sotto kumitati qed jiġu mħallta żewġ problemi ma' xulxin. Għandek problema ta' min jieħu l-minuti tal-laqgħat u r-rwol tas-segretarju f'dan. Fil-Kunsill ir-rwol tas-Segretarju xogħlu mhux biss li jieħu l-minuti tal-laqgħat imma għandu firxa ta' dmirijiet oħra fosthom amministrazzjoni u poteri eżekuttivi. Ix-xogħol tas-sotto kumitat hu li jagħti pariri lill-Kunsill f'dawk l-oqsma kompetenti tiegħu u deċiżjonijiet jittieħdu f'livell ta' Kunsill. Jekk qed ikun hemm diverġenzi ta' opinjonijiet, ir-rwol taċ-Ċermen f'dak is-sotto kumitat partikolari hu li jirraporta lill-Kunsill dawn id-diverġenzi u minn hemmhekk jittieħdu d-deċiżjonijiet. Is-Segretarju Eżekttiv ma jieħux deċiżjonijiet f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li fis-sottokumitat tiegħu qed jinħolqu problemi ta' dan it-tip u din is-sitwazzjoni qed ixxekkel l-operat tiegħu.

Is-Sindku qal li f'dawn il-laqgħat ma għandux għalfejn ikun preżenti s-Segretarju u jekk ikun hemm bżonn għajnuna teknika, is-Segretarju qiegħed dejjem għad-dispożizzjoni.

## 5 Skemi ta' pparkjar bil-ħin

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l-approvazzjoni minn Transport Malta biex tiġi mnieda l-iskema ta' l- ipparkjar bil-ħin.

It-toroq huma Triq Papa Alessandru, Triq San Valentine u Triq Sisner li ser ikollhom ħamsin fil-mija (50%) tal-parkeġġ, pparkjar bil-ħin mit-Tnejn sal-Ħadd mill-4pm sat-8pm

Fil-permess l-ieħor kien hemm approvati Triq it-Tlett Knejjes, Triq il-Providenza, Triq it-Tabib Zammit, Triq il-Wied, Triq il-Mitħna, Triq San Franġisk (minn Triq it-Tabib Zammit sa Triq

Birbal), Triq il-Kbira (minn Triq San Franisk sa Triq It-Tlett Knejjes). Dawn ser ikollhom ħamsin fil-mija (50%) filwaqt li Triq il-Wied(minn kantuniera Triq it-Tlett Knejjes sal-kantuniera ma' Triq il-Kbira u Triq il-Kbira (minn Triq il-Wied Ħal Balzan sa kantuniera ma' Triq San Frangisk ser ikollhom tletin fil-mija (30%). Il-ħinijiet ser ikunu mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9am sal-4pm u is-Sibt mid-9am sas-1pm.

Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara u s-Sur Stephen Gatt ingħataw l-inkarigu biex jaraw fejn ser jiġu nstallati t-tabelli u jirreferu lura l-Kunsill.

## 6 Korrispondenza

**Ittra Nru 2127/12**: Email mingħand il-Kappillan tal-Knisja Parrokkjali Ħal Balzan fuq l-attivita' li kienet saret fl-4 ta' Lulju 2012 fi żmien il-festa. Is-Sindku qal li ma kienitx kwistjoni ta' jekk l-ittra mingħand il-Viċi Kappillan inbgħatitx fiż-żmien jew le imma fl-ittra ma ġietx spjegata fid-dettal ta' x'kien ser jiġi mtella' f'din l-attivita' inkluż il-loġistika neċessarja li kien hemm bżonn. Kieku sar dan żgur li l-Kunsill kien ikun f'posizzjoni aħjar li jieħu deċizjonijiet fuq fejn setgħet ssir l-attivita' fl-interess ta' kullħadd. Mil-lum il-quddiem għandu jkun hemm aktar komunikazzjoni bejn il-partijiet konċernati.

**Ittra Nru 2126/12**: Ittra mingħand l-avukat Micallef Stafrace fuq struzzjonijiet tas-Sur Reno Meli fuq *parking bay* viċin il-garaxx tiegħu fi Triq San Gabriel.

Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill f'Diċembru li għadda kien ressaq proposta ta' mmaniġġjar tat-traffiku f'dawk l-inħawi u minflok irċieva risposta fuqha, Transport Malta bgħatu jgħidulna li fi Triq B.Bontadini u Triq San Gabriel ma hemmx permess għall-*parking bays* u għandhom jitneħħew. Huwa qal li dan mhux minnu għaliex il-Kunsill għandu f'idejħ il-permessi neċessarji li kienu ħarġu minn Transport Malta (ADT) fl-2003. Kopja ta' dan il-permess intbgħatet lil-Transport Malta fejn minn naħa tagħhom bagħtu jinfurmawna biex ninjoraw l-aħħar ittra li ntbagħtet u li ser jiġu *updated* ir-rekords tagħhom.

Is-Sindku kompla qal li s-Sur Meli kien ċempillu fejn minn naħa tiegħu peress li s-Sur Meli kien jaf bl-ittra li tawna Transport Malta infurmaħ li permess għal *parking bays* dejjem kien hemm. Huwa qallu wkoll li ma jkollu ebda problema li jneħħihom jekk ikun hemm direzzjoni minn Transport Malta.

Huwa xtaq jippreċiża fuq ħafna għajdut li kien qed jingħad fuq is-sinjali tat-traffiku li bl-ebda mod mhu ser jittolera li jsir tibdil jew jiġu mneħħija sinjali tat-triq jekk ma jkunx hemm permess minn Transport Malta.

**Ittra Nru. 2084/12**: Feedback mingħand il-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara tar-residenti li joqgħodu fi Triq B. Bontadini, Triq il-Kannizzata kantuniera ma' Triq il-Ferrovija l-Qadima. Ilment li ltaqa' miegħu kien fuq id-dawl li jinsab fil-playing field fejn uħud mill-bozoz mhux qed jinxtegħlu. Kien hemm ilment ukoll fuq Triq Valent Muscat. Fejn hu possibbli fil-kompetenza tiegħu l-Kunsill ser jindirizza dawn l-ilmenti.

**Ittra Nru 2081/12**: Ittra mingħand *Emergency Response and Rescue* fuq xi korsijiet li ser isiru. L-ittra ġiet innutata.

**Ittra Nru. 2078/12**: Ittra mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq '*Disability Awareness Fun Day for Local Councils*. Ittra ġiet innutata.

**Ittra Nru. 2074/12**: Rapport mingħand il-GreenPak fuq l-iskart ta' riċiklaġġ li ġie rikavat ġewwa Ħal Balzan. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li Ħal Balzan għandu t-tieni l-għola rata fil-pajjiz f'dak li jirrigwarda r-rikavat ta' l-iskart mill-Bring In Sites li jinsabu fil-Lokalita.

## 7 Rapport tal-*Project Administrator* fuq il-Kwotazzjonijiet rigward Locality Signs-ERDF

Is- Sur Mark Causon, Project Administrator tal-Proġett ERDF 205 poġġa fuq il-mejda rapport fuq iż-żewġ kwotazzjonijiet li ntefgħu rigward *Locality Signs* għal dan il-proġett.

L-ewwel kwotazzjoni kienet dik ta’ Pace & Pace għas-somma ta’ € 5900 filwaqt li kwotazzjoni oħra kienet ta’ Karl De Flavia għas-somma ta’ € 2100 Option 1 u € 1700 Option 2. Is-Sur Causon għarraf lill-Kunsill li l-kwotazzjoni ta’ Karl de Flavia ma ġietx sottomessa skont l-ispeċifikazzjonijiet imposti.

Is-Sindku saqsa kemm hi l-allokazzjoni għal dawn it-tabelli. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li din hi ta’ € 4200. Is-Sindku rrimarka li l-unika offerta eleġibbli taqbeż l-ammont allokat u għalhekk il-Kunsill għandu jerġa’ joħroġ sejħa oħra għall-offerti. Il-Kunsill qabel unanimament li terġa toħroġ sejħa oħra.

Is- Sur Causon imbagħad għadda biex jagħti *update* fuq il-proġett innifsu u x’sar f’dan il-proġett. Fuq is-sitwazzjoni ta’ l-HSBC huwa informa lill-Kunsill li ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-Bank fuq il-kwistjoni li qajmu huma stess fejn qed jitolbu li jinbidlu l-pjanti tal-proġett minħabba raġunijiet ta’sigurta quddiem il-bank.

Il-Kunsill f’dan ir-rigward ħa deċiżjoni li jkompli għaddej bil-proġett stabbilit skond l-approvazzjoni tal-MEPA. Il-Bank kellu kull opportunita biex isemma’ l-ilment tiegħu fi stadju ta’ proċess quddiem il-MEPA.

## 9 Komunikazzjoni tas-Sindku

Ma kien hemm ebda kummenti x’jagħmel għax li kellu jgħid intqal matul din is-seduta

## 10 Rapport dwar l-Ilmenti

**Ilment Nru.17012023173078**: Talba biex titnaddaf l-għalqa li hemm f’Wesgħa Profs Aquilina. Teknikament dik l-għalqa taqa’ taħt il-Joint Office. Għandha tinkiteb ittra lill-Joint Office biex isir it-tindif tagħha.

**Ilment Nru.17012052173594**: Talba biex isiru parking bays fi Triq il-Bon Pastur. Ser issir talba lill-Transport Malta

**Ilment Nru.17012052173594**: Talba biex isiru yellow lines quddiem garaxx Nru 25 fi Triq il-Bon Pastur. Il-Kunsill ser jara tistax tintlaqa’ din it-talba.

## 10 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ *Petty Cash*

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data sal-14 ta’ Awwissu 2012 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 9656.26

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier D. Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**11 Affarijiet Oħra**

Il-Viċi Sindku informal lill-Kunsill li hemm bżonn isir xi xogħol ta' large patching areas fil-lokalita' u dan ma jistax isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Għalhekk ġie deċiż li nitolbu stima mingħand Polidano Group skont il-kuntratt li l-Kunsill għandu miegħu.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Settembru 2012 fid-9am.

______________________

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

______________________

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

______________________

Data